**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**John Hili**

Numru: 80/2011

Illum 24 ta' Frar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **John Hili**, ta' hamsa u tletin (35) sena, iben John u Angela neé Grima, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar il-21 ta' Frar, 1976, residenti fil-fond numru 16A, Triq Mallia Vernon, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 9976(G), akkuzat talli nhar id-19 ta' Frar 2011, ghall habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar (13.30hrs), gewwa x-Xewkija, Ghawdex:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Rover, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tal-minuri Anthony John Xuereb (ID No. 19298G);

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura tal-ghamla Rover, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu min-numru tar-registrazzjoni ta' vettura jaqra' AAB 464;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu minn *road licence no.* H143558 irregistrata fuq vettura bin-numru AAB 464;

5. ghamel uzu minn numri ta' identifikazzjoni xort'ohra minn dawk moghtija mill-Awtorita' Kompetenti fuq vettura bil-mutur u cioé ghamel uzu minn numru tar-registrazzjoni jaqraw AAB 464;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura tal-ghamla Rover minghajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tiskwalifika l-licenzja tas-sewqan tal-imputat.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012 (*a fol.* 5 *et seq.*), lill-imputat jammetti it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6)

imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti taghtu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Rat il-*Process Verbal* numru 651/11 redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini (Dok. "JA" – *a fol.* 12 *et seq.*)

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 1443) datata 3 ta' Lulju 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. Artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Artikoli 188(1) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Artikoli 3(1) u 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 1448), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-3 ta' Lulju 2013, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 1459 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 1468), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-*parte civile* pprezentata fis-27 ta' April 2015 (*a fol.* 1470 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fl-4 ta' Awwissu 2015 (*a fol.* 1489 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, is-sottomissjonijiet finali ulterjuri tal-konsulent legali tal-*parte civile* u tal-imputat (*a fol.* 1506 *et seq.*).

Rat id-Digriet taghha tas-7 ta' Dicembru 2015 fejn giet ordnata s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghar-ragunijiet indikati fl-istess Digriet.

Rat ir-riferta li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "X" fis-seduta tallum.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehed l-Espert Tekniku s-**Sur Joseph Zammit** (*a fol.* 74) fejn wara li gie muri rapport immarkat bhala Dok. "JA" (*a fol.* 25 *et seq.* tal-Inkjesta u *a fol.* 39 *et seq.* tal-atti processwali), ikkonferma tali relazzjoni. F'din ir-relazzjoni, s-Sur Zammit wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> *"3. Illi dan l-incident sehh billi c-ciklista Anthony John Xuereb baqa' hiereg minn Triq Imgarr ix-Xini ghal go Triq Santa Marija fejn dak il-hin kienet qed tinstaq il-karozza imsemmija.*
>
> *4. Illi nstabu provi sufficjenti fuq il-post li s-sewwieq tal-karozza involuta John Hili, applika l-brakes tal-vettura sabiex jevita l-incident.*
>
> *5. Illi ma nstabu l-ebda provi jew indikazzjoni ta' xi impronti ta' brake marks tal-bicycle in kwistjoni.*

*6. Illi Triq Imgarr ix-Xini hija triq one-way traffic li ma tistax tohrog minnha.*

*[..]*
*8. Illi mill-ezamijiet teknici li l-esponent ghamel fuq il-karozza, ma sab l-ebda hsara li setghet sehhet qabel l-incident li kawza ta' hekk sar l-incident.*

*9. Illi fil-fehma tal-esponent dan l-incident sehh billi c-ciklista kien qieghed isuq fi Triq Imgarr ix-Xini u baqa' hiereg ghal Triq Santa marija minghajr ebda prekawzjoni".*

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehed ukoll il-**Perit Gordon Vella** (*a fol.* 75) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu in segwitu tan-nomina tieghu bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali. Dan ir-rapport gie immarkat bhala Dok. "GV 1" (*a fol.* 76 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehed ukoll **Dr. Joseph Vella** (*a fol.* 119 *et seq.*) fejn wara li gie muri c-certifikat mediku *a fol.* 6 tal-Inkjesta Magisterjali u *a fol.* 20 tal-atti processwali kkonferma li dan gie rilaxxat minnu wara li ezamina lill-parti leza Xuereb. Ikkonferma li ccertifika l-griehi sofferti minn Xuereb bhala gravi u li kien fil-periklu tal-mewt.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 123 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu wara li kien gie nfurmat minn PS 664 rigward l-incident stradali *de quo.* Jghid li meta acceda fuq il-post tal-akkadut setgha jinnota li r-Rover kienet wieqfa u li kellha daqqa vizibbli n-naha ta' quddiem taghha. Jghid li nnota wkoll li r-rota kienet tinsab ftit metri 'l boghod minn fejn kienet il-vettura u kellha r-rota ta' quddiem imkissra. Ezebixxa numru ta' dokumenti u affarijiet li gew immarkati minn Dok. "FT 1" sa "FT 9" (*a fol.* 127 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 664 Jason Xerri** (*a fol.* 143 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut mar fuq il-post fejn sehh l-incident u nnota vettura tal-ghamla Rover u ftit l'hin rota

mal-art. Jghid li l-imputat qallu: *"Kont ghaddej ghad-dritt u qasamli tifel minn go side street bir-rota li kellu l-hobz u flixkun f'idu u lqattghu bil-karrozza"* (*a fol.* 137 u 143). Jghid li l-minuri Xuereb ta' tlettax-il sena ttiehed l-iSptar permezz tal-ambulanza u aktar tard ittiehed l-iSptar Mater Dei bil-*helicopter*. Ikkonferma l-okkorrenza redatta minnu, liema okkorrenza tinsab immarkata bhala Dok. "FT 7" (*a fol.* 136 *et seq.*).

In kontro-ezami jghid li meta acceda fuq il-post innota li kien hemm flixkun. Ma jiftakarx li ra l-hobz. Jghid li r-rota kienet maqlugha minn mal-*bicycle*.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehdet ukoll **Nadia Gatt** (*Clerk* – Transport Malta – *a fol.* 147) fejn qalet li vettura Rover 414 bin-numru ta' registrazzjoni AAB 464 issejjah lil certu Angela Hili. Ezebiet id-dokument li xehdet fuqu li gie mmarkat bhala Dok. "NG 1" (*a fol.* 149 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012, xehed **Savio Buttigieg** (*a fol.* 170 *et seq.*) fejn qal li meta sehh l-incident li fih kien involut Anthony John Xuereb, huwa (Buttigieg) kien prezenti. Jghid li kien is-Sibt bejn Frar u Marzu 2011 u l-hin kien ghal xi nofsinhar. Jghid li mieghu kien hemm huh John u xi nies ohra. Jghid li kienu go garaxx fix-Xewkija u li Xuereb mar jixtri hobza u wara ftit minuti ddecieda li hu (Buttigieg) imur ukoll. Jghid li x'hin kienu sejrin, ltaqa' ma' Xuereb, li kien faccata tieghu, u jghid: *"dak il-hin waqaf, kellu hobza f'id wahda u ice tea f'id ohra, il-hobza kienet maghluqa go borza u kien qieghed jistenna l-karozza tghaddi"* (*a fol.* 172). Jghid li Xuereb kellu ftit mir-rim tar-rota 'l barra u kif Xuereb kien qed jistenna l-vettura tghaddi, f'daqqa u l-hin il-vettura misjuqa mill-imputat habtet mat-*tyre* ta' quddiem ta' Xuereb u gibditu maghha. Jghid li Xuereb habat rasu mal-*windscreen* u waqa' fl-art. Jghid li fil-mument li gara dan kollu, Xuereb kien wieqaf u kien qed jistenna l-vettura tghaddi. Jghid li l-vettura giet minn naha tax-xellug. Jghid li t-triq fejn sehh l-incident mhijiex wiesa' bizzejjed tant li biex jghaddu zewg vetturi fid-direzzjoni opposta ta' xulxin, wahda trid tieqaf sabiex tkun tista' tghaddi l-ohra. Fuq ritratt li jinsab *a fol.* 87

tal-process, Buttigieg indika b'cirku zghir fejn kien Xuereb u bi vlegga ndika minn fejn kien gej l-imputat.

In kontro-ezami jghid li meta Xuereb kien wieqaf jistenna l-vettura tghaddi, Xuereb ma kienx qed jiekol. Jghid li sieq Xuereb kienet fuq il-bankina fejn ghamel ic-cirku. Jghid li Xuereb kien qieghed fejn indika c-cirku u x'hin giet il-vettura din kienet naqra mhaxkna mal-bankina. Jghid li t-*tyre* tar-rota kien ftit 'l barra. Jispjega li l-vettura misjuqa mill-imputat kienet gejja mghaggla. Jghid li l-ewwel darba li ra l-vettura din kienet f'distanza minnu ta' madwar zewg vetturi. Jghid li l-vettura kienet madwar 20 centimetru l-boghod minn mal-hajt.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 1453 *et seq.*), jghid li Xuereb xtara l-hobza u l-*ice-tea* minn ftit il-fuq fit-triq. Jghid li huwa jaf li din it-triq hija *one-way*.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2012, xehed **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 183 *et seq.*) in segwitu ta' digriet moghti mill-Qorti fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 168-169) u dana sabiex jevalwa l-istat ta' sahha u l-kondizzjoni fizika li jinsab fiha Anthony John Xuereb. Dr. Scerri pprezenta r-rapport redatt minnu, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "MS 1" (*a fol.* 185 *et seq.*). Huwa ezamina lil Xuereb fl-20 ta' Gunju 2012 u wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> *"3. Illi Anthony John Xuereb iddahhal immedjatament l-iSptar Generali t'Ghawdex izda ftit wara dan gie trasferit l-iSptar Mater Dei permezz ta' helicopter.*
>
> *4. Illi dan kellu jigi operat immedjatament fejn saritlu decompressive craniotomy minhabba l-lezjonijiet akuti li kellu fil-mohh.*
>
> *5. Illi Xuereb garrab ukoll frattura tat-tarf t'isfel tal-fibula tal-lemin.*
>
> *6. Illi l-ptosis deskritta fuq in-naha tal-lemin flimkien mat-III u IV cranial nerve palsy tan-naha tal-lemin u t-III cranial nerve*

*palsy tan-naha tax-xellug huma rizultati diretti tat-trawma li Xuereb kien suggett ghaliha waqt l-incident imsemmi.*

*7. Illi rizultat ta' dan l-incident Anthony John Xuereb ghadu jbati l-effetti sal-lum u qatt ma jerga' jigi jghix hajja normali bhalma kien jghix qabel l-incident imsemmi.*

*8. Illi Anthony John Xuereb ghandu bzonn ghajuna kontinwa, ma jistax ikun indipendenti u ghandu bzonn korsijiet twal ta' physiotherapy u speech therapy bil-ghan illi l-kondizzjoni tieghu timmeljora xi daqxejn"* (*a fol.* 200-201).

Fuq domandi tal-konsulent legali tal-*parte civile*, liema domandi saru fis-seduta tas-17 ta' April 2013 (*a fol.* 1434 *et seq.*), Dr. Scerri jghid li Xuereb: *"ghandu hafna kumpilazzjonijiet u debulizzi. Biex nghaqqadhom, in a nutshell, dan bazikament ghandu weakness tal-estremitajiet superjuri u inferjuri, ghandu increased tone fuq in-naha tal-lemin – bil-kemm jista' jaqbad kikkra u jixrob minnha – fil-left ghandu non-purposeful movement – jekk se jcaqlaq idejh se ticcaqlaq, m'ghandux ko-ordinazzjoni jigifieri lanqas jista' jsajjar, la jista' jixrob. Ghandu weakness fil-muskoli palmar ta' saqajh, ghandu hyperextension ta' dahru, ma jistax iqum minn bil-qieghda – jrid l-ghajnuna bilfors – irid juza wheelchair, ma jistax jimxi. [...A]ffarijiet tieghu necessarji ta' kuljum ma jistax jaghmilhom wahdu u 'l quddiem affarijiet tal-irgiel ma jistax jaghmilhom lanqas. Irid assistenza kontinwa"* (*a fol.* 1434-1435). Jghid li Xuereb ser jibqa' dipendenti hajtu kollha. Jixhed ukoll li Xuereb ibaghti minn hass hazinijiet, jitlef is-sens ta' *function* tal-ghajn, u l-i*speech* tieghu huwa kajman, ma jinftiehemx, igedwed. Jghid ukoll li Xuereb ghandi wkoll problemi psikologici – jipprova jesprimi ruhu u ma jistax, jitnervez, u jsir kwazi aggressiv. Jghid li hu ma dahalx f'dan il-qasam ghax kien ikun ahjar kieku Xuereb gie assessjat minn psikjatra.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2012, xehed **Dr. Michael Refalo** (*a fol.* 215 u 216) in rapprezentanza tas-Supretendent tal-iSptar Generali ta' Ghawdex fejn ezebixxa kopja tal-file mediku ta' Anthony John Xuereb, liema file gie mmarkat bhala Dok. "MR 1" (*a fol.* 217 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2013, xehed **Dr. Alan Drago** (*a fol.* 1422 *et seq.*) fejn spjega li fid-19 ta' Frar 2011 kien ezamina lil Anthony John Xuereb fid-Dipartiment tal-Emergenza fl-iSptar Mater Dei. Jghid li mis-CT scan li kien sar fuq Xuereb jirrizulta li Xuereb kellu emorogija gewwa mohhu u b'hekk Xuereb kellu bzonn intervent kirurgiku. Jghid li l-griehi sofferti minn Xuereb kienu kompatibbli ma' kull tip ta' trawma qawwija fir-ras. Jghid li meta ra lil Xuereb, Xuereb kellu griehi f'wiccu u f'rasu u kien mitluf minn sensieh. Jghid li wara li sar is-CT scan fuq Xuereb, Xuereb gie trasferit fl-ITU.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2014, xehed **John Hili** (*a fol.* 1459 *et seq.*) fejn beda billi qal li xahar qabel l-incident mertu tal-proceduri odjerni kien xtara Rover u meta mar biex jaghmel *transfer* taghha qalulu li ma setghax isir peress li kien hemm xi dejn fuqha, u b'hekk hu halla l-vettura gol-garaxx u, wara xi xahar, fid-19 ta' Frar, fettillu jaghmel xi *maintenance* fuqha biex ikun jista' johrogha u gara l-incident. Jghid li kien gej minn ta' Sannat sejjer lejn ix-Xewkija. Jispjega li kien qed isuq fit-triq principali niezel ghad-dritt u fin-naha tax-xellug tieghu hemm triq laterali, *one-way* (li minnha ma tistax tohrog) u f'daqqa wahda minn din it-triq hareg Xuereb sparat bir-rota, hu (Hili) hasad il-brejk u gibed ghan-nofs biex jevitah pero kien kollu ta' xejn u spicca laqat lil Xuereb. Jghid li Xuereb hareg kontra d-direzzjoni tat-traffiku. Jixhed li lill-minuri Xuereb rah biss daqs hames piedi qabel ma laqtu u jiftakar li kellu hobza f'idu u flixkun fuq in-naha l-ohra.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li fejn sehh l-incident it-triq hija dritta u aktar il-fuq tigi sserrep. Ghad-domanda dwar b'liema *speed* kien qed isuq dak il-hin qabel sehh l-incident, wiegeb li ma jafx. Jghid li l-impatt mar-rota sehh ghan-nofs it-triq. Ghad-domanda jekk hu (Hili) kienx qabez it-triq minn fejn gie Xuereb, wiegeb: *"Iva, iva! Hemm il-brejkijiet jindikaw fejn huma"* (*a fol.* 1464). Jghid li mhux veru li Xuereb kien qieghed wieqaf mal-genb ezattament mal-bankina u hu (Hili) hakimlu r-rota. Jichad ukoll li hu (Hili) kaxkar lil Xuereb tant li r-rota baqghet fuq l-istess naha tat-triq. Ma jafx kemm kellu tul ta' brejkmarks.

In ri-ezami kkonferma z-zewg stqarrijiet rilaxxati minnu lill-Pulizija.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-ewwel stqarrija (Dok. "FT 2" – *a fol.* 128 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone, liema stqarrija gie rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt (*a fol.* 127), l-imputat ta dettalji fuq l-istess linji li huwa ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti. Ghad-domanda dwar b'liema velocita' kien qed isuq, wiegeb li kien qed isuq bil-mod, u jghid li kien ghaddej bl-10 jew 20 km.f.s. Jahseb li laqat lil Xuereb bil-parti ta' quddiem tal-vettura. Jghid li f'hin minnhom Xuereb gie fuq il-*windscreen* tal-vettura. Jghid li hu (Hili) zamm brejk. Jghid li sab li Xuereb ma' wiccu mal-vettura. Jghid ukoll li malli Xuereb hareg mit-triq laterali, Xuereb kiser ghal mal-linja tieghu (ta' Hili) biex jiskapulah (lil Hili). Ghas-suggeriment li huwa ma rax lil Xuereb ghax hu (Hili) kien ghaddej bi *speed* mhux hazin, wiegeb: *"Nghid li cert li ma kontx insuq"* (*a fol.* 129). Mistoqsi jghid jekk kellux polza ta' assigurazzjoni, wiegeb fl-affermattiv.

Illi, fit-tieni stqarrija (Dok. "FT 6" – *a fol.* 134 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone, liema stqarrija gie rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ha dan id-dritt, l-imputat ma giex mistoqsi rigward l-incident stradali *per se* pero gie mistoqsi rigward il-pjanci u r-*road licence* li kellha l-vettura misjuqa minnu.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se*, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali u mhux fil-kamp civili. Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

**Ikkunsidrat**

Illi in segwitu tal-incident stradali mertu tal-proceduri odjerni l-imputat jinsab akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet u qabel il-Qorti tghaddi biex tanalizza dawn l-imputazzjonijiet, ikun opportun li l-ewwel il-Qorti taghmel xi konsiderazzjonijiet rigward r-responsabilita' tal-incident stradali *per se.*

Illi l-Qorti tinnota li fir-rigward tad-dinamika tal-incident stradali *de quo* hija ghandha l-verzjoni ta' Savio Buttigieg (habib tal-minuri Xuereb) u tal-imputat. Il-minuri Xuereb ma xehedx f'dawn il-proceduri. Jirrizulta li filwaqt li l-imputat kien qed isuq vettura, il-Xuereb kien qed jaghmel uzu minn rota. Mentri l-imputat jghid li l-Xuereb baqa' hiereg mit-triq li hu (Xuereb) kien gej minnha, Buttigieg jghid li Xuereb kien wieqaf bir-rota. Il-Qorti zammet access informali fuq il-post fejn setghet tara d-direzzjoni li kien gej minnha l-minuri Xuereb u dik li kien gej minnha l-imputat. Jirrizulta li t-triq li kien gej minnha Xuereb tista' tigi kkunsidrata bhala laterali meta paragunata mat-triq li kien qed isuq fiha l-imputat.

Illi fid-decizjoni moghtija fit-22 ta' Gunju 2005, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited noe et vs. Raymond Vella**, qalet hekk:

> "Li jfisser allura li l-attrici Beryl Pauline Jepsen kellha d-dritt ta' precedenza in kwantu kellha titqies bhala "*main road user*". Li jfisser ukoll illi fic-cirkostanzi l-konvenut kellu jitqies bhala "*side road user*", u allura, skond gurisprudenza konkordi kellu *"l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, u ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha u ghandu l-obbligu li jimxi dead slow u sahansitra iwaqqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara"* – **Il-Pulizija vs. Anthony Galea**, Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137); **Joseph Rizzo vs. Paul Micallef**, Appell Civili, 6 ta' Dicembru 1974; Issokta jigi precizat fuq din it-tematika illi *"min ikun hiereg minn side street ghal main road ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf ghal kollox jew johrog inching out, u jassigura li t-triq hi libera. Is-side road user ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun*

*ghaddej minnha"* - **Mark Sammut vs. Maryse Germaine del la Fargue**, Appell Civili, 2 ta' April 1976".

Illi, apparti dan, il-Qorti tinnota li sewwieq huwa rikjest li jkollu dak li jissejjah bhala *proper look out*. Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista**[1], il-Qorti ghamlet taghha bran mehud minn decizjoni precedenti[2] u sostniet:

> "Gie appropositu ritenut li hu dover ta' *driver 'to see what is in plain view"* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Joseph Vella** [10/08/1963] u li *'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout'* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs J.M. Laferla** [17/06/1961])".

Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tara x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan. Dan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

[1] Appell Kriminali deciz fis-26 ta' Mejju, 2004 [App. Krim. Nru: 18/2004].

[2] Appell Kriminali deciz fil-25 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Gauci** [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD].

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo**, 14.3.59, **Pol. vs. Wilson** [Vol. XXXIX iv. 1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham**, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina**, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** [Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi minkejja l-konkluzjoni li wasal ghaliha l-Espert Tekniku s-Sur Joe Zammit fir-rapport tieghu fir-rigward ta' min skond hu kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni, il-Qorti ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha biex tasal ghad-decizjoni taghha dwar tali responsabilita'.

Illi mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Savio Buttigieg lill-Qorti qalilha li huwa setgha jara lill-minuri Xuereb wieqaf jistenna l-vettura tal-imputat tghaddi, b'hobza f'id wahda u b'*ice tea* f'ohra. Jispjega li peress li Xuereb kellu ftit mir-rim tar-rota 'l barra, il-vettura misjuqa mill-imputat habtet mat-*tyre* ta' quddiem tar-rota ta' Xuereb u gibditu maghha.

- John Hili quddiem il-Qorti xehed li waqt li hu kien qed isuq fit-triq principali, f'daqqa wahda minn triq laterali hareg Xuereb sparat bir-rota, hu (Hili) hasad il-brejk u gibed ghan-nofs biex jevitah pero kien kollu ta' xejn ghax spicca laqat lil Xuereb. Jghid li Xuereb hareg kontra d-direzzjoni tat-traffiku u f'id wahda kellu hobza u fuq in-naha l-ohra kellu flixkun .

  Bhala parentezi, il-Qorti tinnota li lil PS 664 Jason Xerri, li rrediega r-rapport (Dok. "FT 7" – *a fol.* 136 *et seq.*) tal-incident *de quo*, l-imputat qallu: *"Kont ghaddej ghad-dritt u qasamli tifel minn go side street bir-rota li kellu l-hobz u flixkun f'idu u lqattu bil-karrozza"* (*a fol.* 137).

- Fl-access (*a fol.* 40 *et seq.* tal-Inkjesta u *a fol.* 54 *et seq.* tal-atti processwali) mizmum mill-Espert Tekniku s-Sur Joe Zammit, liema access inzamm ftit sieghat wara li kien sehh l-incident, gie kkonstat is-segwenti: *"mir-roti t-tnejn ta' quddiem lura sa distanza ta' 10.95 metri jinsabu impronti ta' brake marks tal-erba' roti grassi. Dawn jibdew minn naha tax-xellug u jispiccaw lejn il-lemin tal-karreggajta"*. Dan jinsab konfermat ukoll minn PS 664 Jason Xerri fir-rapport redatt minnu (Dok. "FT 7" – *a fol.* 136 *et seq.*).

- Il-hsarat fuq il-vettura misjuqa mill-imputat kienu ta' natura konsiderevoli fuq quddiem lejn in-naha tax-xellug.

- Xuereb spicca fuq il-*bonnet* tal-vettura tal-imputat u habat rasu mal-*windscreen* wara li habat mal-genb tal-istess vettura.

- Xuereb ma kienx liebes *crash helmet*.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti mhijiex konvinta mill-verzjoni moghtija minn Savio Buttigieg meta qal li Xuereb kien wieqaf fil-hin tal-akkadut. Kieku verament Xuereb kien wieqaf jistenna l-vettura tal-imputat tghaddi ma kienx jigri dak li sfortunatament gara. Ghal darba ohra l-Qorti tirrepeti li hawn ninsabu fil-kamp kriminali fejn biex l-imputat jinstab hati din il-htija trid tasal ghaliha *beyond reasonable doubt*. B'dak li ghandha quddiemha l-Qorti kif preseduta u b'dak li hija semghet, il-Qorti ma tistax tasal ghal dan. Ma jirrizultax li l-imputat kien qed isuq b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz. Anqas ma jirrizulta li l-imputat kellu nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi jirrizulta l-incident stradali *de quo* sehh minhabba l-fatt li Xuereb baqa' hiereg mit-triq li kien fiha ghat-triq li kien gej minnha l-imputat. Kif nghad aktar il-fuq, it-triq li kien gej minnha Xuereb ghandha tigi kunsidrata bhala triq laterali meta paragunata mat-triq li kien qed isuq fiha l-imputat u, fid-dawl tal-gurisprudenza kkowtata aktar il-fuq, l-imputat kellu d-dritta u dana peress li kull min ikun ser johrog minn triq laterali ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex jassigura ruhu li ma jkunx ta' xkiel ghal vetturi misjuqa fit-triq principali.

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, *ammenoché* dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (*Vide* Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma

tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-imputat ta lok sabiex l-incident sehh u l-Qorti hija tal-fehma li ma kien hemm l-ebda element ta' kontributorjeta' da parte tieghu u b'hekk l-imputat m'ghandux jigi mghobbi bi htija kontributorja ghalih.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat wahda wahda.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi fl-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, l-Avukat Generali ma jaghmilx riferenza ghal Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Artikolu jirrigwarda offiza nvolontarja fuq il-persuna. Dan huwa proprju dak li kien originarjament akkuzat bih l-imputat fl-ewwel (1) imputazzjoni fic-*charge sheet* intavolata kontra tieghu u dana minkejja li l-Prosekuzzjoni fil-parentezi wara l-ewwel (1) imputazzjoni ndikat "Artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9".

Tenut kont tal-fatt li fid-digitura tal-ewwel (1) imputazzjoni fic-*charge sheet* jirrizulta li din kienet qed taghmel riferenza ghal Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet (li jirrigwarda offizi involontarji fuq il-persuna) u *stante* li dan l-Artikolu ma giex kwotat fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju mill-Avukat Generali, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat. Dan qieghed jinghad peress li l-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura

Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

Ovvjament, aktar l-isfel f'din is-sentenza, il-Qorti ser tikkunsidra jekk Artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li gie kwotat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, jirrizultax jew le.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li saq il-vettura b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghal konsiderazzjonijiet li diga saru hawn fuq fejn inghad li l-imputat ma kienx qed isuq bil-mod li qed jigi akkuzat bih fit-tieni (2) imputazzjoni u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat mit-tieni (2) imputazzjoni.

**It-Tielet (3) u r-Raba' (4) Imputazzjoni**
**(Artikolu 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012 (*a fol.* 5 *et seq.*) l-imputat ammetta dawn iz-zewg imputazzjonijiet. Din l-ammissjoni giet konfermata fl-istess seduta u giet riaffermata wkoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 1501) u fis-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm li d-difiza ghamlet fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 1506 *et seq.*).

Tenut kont ta' dan, il-Qorti ser issib htija tal-imputat fir-rigward ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni**
**(Artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi l-Qorti tinnota li din l-imputazzjoni kienet giet ammessa fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012 u li din l-ammissjoni giet konfermata fl-istess seduta (*a fol.* 5 *et seq.*). Jidher pero li din l-ammissjoni giet rtirata *stante* li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 1489 *et seq.*) u fis-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm li d-difiza ghamlet fis-

seduta tat-18 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 1506 *et seq.*) jinghad li l-imputat kien qed jammetti biss dak li jemergi minn Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, il-Qorti tifhem li l-imputat rtira l-ammissjoni fil-konfront ta' din l-imputazzjoni u ghaldaqstant il-Qorti ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwarha.

Illi, f'din l-imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat li ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni b'xorta ohra minn dawk moghtija mill-Awtorita' Kompetenti cioé ghamel uzu minn numru ta' registrazzjoni AAB 464. Jirrizulta li l-vettura misjuqa mill-imputat kellha mwahhal maghha n-numru ta' registrazzjoni AAB 464. Ir-rapprezentanta ta' Transport Malta (Nadia Gatt – *a fol.* 147 *et seq.*) xehdet li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAB 464 issejjah lil certu Angela Hili.

Illi fit-tieni stqarrija (Dok. "FT 6" – *a fol.* 134 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur, ghad-domanda tal-Ufficjal Prosekutur: *"Minn aktar stharrig li sar minn naha tal-Pulizija rrizulta illi l-vettura li kont biha l-bierah waqt l-incident u cioé r-Rover hadra kellha pjanci bin-numri AAB 464, kif ukoll road licence bin-numru AAB 464. Irrizulta illi sia l-pjanci kif ukoll ir-road licence mhumiex tal-vettura imma ta' vettura ohra. X'taf tghidilnha fuq dan ir-rigward?"* (*a fol.* 134), l-imputat wiegeb: *"Nghid li jiena kont ta' Sannat Triq l-10 ta' Ottubru fejn noqghod u ridt nohrog bil-Rover il-hadra minn gol-garage tieghi fejn nahdem li jinsab fix-Xewkija. Nghid li jiena wahhalt in-numri tar-Rover ohra li hija ta' ommi, kif ukoll wahhalt it-tonda ta' Rover il-hamra ukoll biex ma tkunx minghajr numri u minghajr tonda"* (*a fol.* 134-135).

Illi fir-rapport (Dok. "FT 7" – *a fol.* 136 *et seq.*) ta' PS 644 Jason Xerri, Xerri jghid hekk: *"[I]rrizulta li l-imsemmija karozza AAB 464 kellha c-chassis number ma' jaqbilx mar-records tal-Pulizija. Ic-chassis number li nstab fil-karozza li garrbet l-incident huwa …. u l-vettura hija ta' lewn ahdar. Minn aktar stharrig irrizulta li c-chassis number imsemmi huwa rregistrat fuq vettura li kellha reg. no. JAE 686. Mill-vettura Rover hadra li kienet involuta fl-incident gew elevati 2 road licences wahda G122154 (JAE 686) u ohra H143558 (AAB 464)"* (*a fol.* 140).

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti m'ghandu jibqghalha l-ebda dubju li l-hames (5) imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li saq vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni ghar-riskju ta' terzi persuni.

Illi l-Qorti tinnota li din l-imputazzjoni kienet giet ammessa fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012 u li din l-ammissjoni giet konfermata fl-istess seduta (*a fol.* 5 *et seq.*). Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 1489 *et seq.*) l-imputat jirrileva li din l-imputazzjoni hija preskritta u jaghti r-ragunijiet ghal dan fin-Nota msemmija.

Illi Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Għad illi f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit li fih għandhom isiru proċeduri quddiem Qorti, il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir –
>
> (a) fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat;
>
> jew
>
> (b) fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-Prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat,
>
> skont liema żmien minnhom ikun l-itwal".

Illi l-Qorti tinnota li t-termini previsti fl-Artikolu 3, kif ġia ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Carmelo Cassar** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar 1957), huma termini specjali ta' preskrizzjoni li jolqtu l-inizju tal-azzjoni kriminali u sa daqstant - u mhux aktar minn daqstant - jidderogaw mir-regoli generali tat-Titolu VI tal-Kodici Kriminali. Il-preskrizzjoni tigi kompjuta bis-

semplici dekors taz-zmien sakemm dak id-dekorriment ta' zmien ma jigix sospiz jew interrott skont il-liġi. Anki qabel l-emendi tal-2002 il-Kodici Kriminali kien gia jipprovdi[3] li sabiex il-preskrizzjoni tigi interrotta ma kienx bizzejjed il-prezentata ta' att tal-procediment dwar il-fatt li għalih il-persuna tkun imputata jew akkuzata iżda kien meħtieġ in-notifika ta' dak l-att ta' procediment. Dan illum jinsab ukoll riaffermat b'dak dispost fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 687 tal-Kodici Kriminali li ghas-sospensjoni jew interruzzjoni taz-zmien ta' preskrizzjoni hi mehtieġa n-notifika tal-imputazzjoni u, jew att ta' akkuża.

Illi jirrizulta li l-incident *de quo* sehh fid-19 ta' Frar 2011 u l-imputat irrilaxxa l-ewwel istqarrija tieghu dakinhar stess. Ghaldaqstant, il-Pulizija kienu saru jafu bir-reat immedjatament tant li fl-istqarrija rilaxxata fl-20 ta' Frar 2011 (*a fol.* 134 *et seq.*) l-imputat gie mistoqsi jekk kienx qed isuq minghajr licenzja u polza ta' assigurazzjoni. Jirrizulta li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat gew ipprezentati fir-Registru tal-Qorti fid-9 ta' Awwissu 2011 u li l-ewwel seduta ffissata ghas-smiegh kienet fit-18 ta' Jannar 2012 ghal liema seduta l-Prosekuzzjoni talbet differiment u fejn fis-seduta ta' wara, cioé fid-29 ta' Frar 2012, gew moqrija bil-gurament l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat.

Illi mir-riferta ezebita mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tallum, liema riferta giet immarkata bhala Dok. "X", jirrizulta li l-imputat gie notifikat b'dawn il-proceduri kontra tieghu fl-10 ta' Awwissu 2011. B'hekk **ma jirrizultax** li s-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat hija preskritta.

Illi Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

> "Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova

[3] Appell Kriminali 4/6/2008.

> kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-Artikolu 4(4)".

Illi l-imputat ma gabx prova kuntrarja kif jiddisponi Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-imputat ser jinstab hati tas-sitt (6) imputazzjoni.

**Artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li gie ndikat BISS fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali (*a fol.* 1443)**:
Illi dan l-Artikolu jirrigwarda hruq jew hsara nvolontarja. Taht dan l-Artikolu l-imputat qed jigi akkuzat talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsara fir-rota ta' Anthony John Xuereb. Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet li saru aktar il-fuq ma jirrizultax li l-incident in kwistjoni sehh minhabba xi nuqqas da parte tal-imputat u b'hekk l-imputat bl-ebda mod ma jista' jigi misjub hati ta' Artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li gie ndikat BISS fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali (*a fol.* 1443)**:
Illi dan l-Artikolu jirrigwarda kazijiet ohra ta' falsifikazzjoni u uzu ta' dokumenti foloz. Dan qatt ma gie ammess mill-imputat.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fl-4 ta' Gunju 2008 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton Vassallo**. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti xi tghid:

> "Din il-Qorti ma tistax ma tosservax, pero` – ghalkemm m'hemmx aggravju dwaru izda jista' jinfluwixxi fuq il-piena u ghalhekk dan il-punt qed jitqajjem *ex officio* – illi proprjament l-appellant ma kellux jinstab hati dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Ir-reat deskritt fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika

filwaqt illi dak imsemmi fl-Artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita` materjali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Galea** moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku: *"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (**Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II** (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem **Manzini (Trattato**, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita' materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non é veridico, perché colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".*

*Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (**Antolisei, F.**, op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."*

Fil-kaz in ezami, kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-appellant ma kien mitlub qatt jaghmel dikjarazzjoni, stqarrija jew jaghti taghrif f'dokument mahsub ghal awtorita` pubblika. Kwantu mbaghad it-tielet

imputazzjoni, minn imkien ma jirrizulta illi n-*number plates* kienu ffalsifikati (Ara wkoll fl-istess sens Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Elton George Spiteri**, 23 ta' Marzu 2007)".

In segwitu ta' dak li ntqal hawn fuq u mill-assiem tal-provi prodotti f'dawn il-proceduri, ma jirrizultax li l-imputat ghandu b'xi mod jigi misjub hati taht Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress li din l-imputazzjoni ma tirrizultax.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li gew pruvati, l-ammissjoni bikrija tieghu fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni, u l-fedina penali (Dok. "B" – *a fol.* 122), li hija wahda kompletament nadifa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li:

- tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat;

- fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni u ta' Artikoli 189 u 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ndikati fin-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 3 ta' Lulju 2013 u b'hekk tilliberah minnhom;

  u

- wara li rat Artikolu 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat John

Hili hati tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni u filwaqt li:

fir-rigward tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni l-Qorti, in segwitu tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum,

fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' tlitt elef Euro (€3000.00).

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata msemmi hawn fuq.

Il-Qorti, *ai termini* ta' Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna wkoll li l-imputat John Hili jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

Finalment il-Qorti, *stante* li ma sabet l-ebda htija fl-imputat fir-rigward tas-sewqan tieghu dakinhar tal-akkadut, mhijiex ser tordna li l-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni f'dan is-sens.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**